MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2025

Appell Inferjuri Numru 87/2024 LM

**Jonathan Micallef (K.I. nru. 476285M), Carmen Cuschieri (K.I. nru. 299669M), Marylise Fava (K.I. nru. 261188M), Jennifer Falzon (K.I. nru. 109869M), Melvyn Vassallo (K.I. nru. 565774M), Bernice Schembri Wismayer (K.I. nru. 318387M), Annalise Zammit (K.I. nru. 172385M), Godwin Farrugia (K.I. nru. 322869M), Audrey Borg (K.I. nru. 119469M), Doreen Falzon (K.I. nru. 16568M), Vladimir Pace Frendo (K.I. nru. 358483M), Stephanie Pearson (K.I. nru. 144071M), Joseph Borg (K.I. nru. 49683M), Daniela Spiteri (K.I. nru. 349681M), Bernard Maniscalco (K.I. nru. 389591M), Denise Fenech (K.I. nru. 173390M), Clare Muscat (K.I. nru. 250073M), Chris Fabri (K.I. nru. 499479M), Yanika Debono (K.I. nru. 333373M), Bernardette Gouder Valletta (K.I. nru. 280373M), Roberta Gauci Borda (K.I. nru. 231378M), Mary Mifsud (K.I. nru. 310475M), Esther Azzopardi (K.I. nru. 10482M, Josann Robertson (K.I. nru. 492875M), Joel Calleja (K.I. nru. 156872M), Lilian Mifsud (K.I. nru. 139872M), Shirley Farrugia (K.I. nru. 512871M), Charles Vincenti (K.I. nru. 136169M), Vanessa Degiorgio (K.I. nru. 273674M), Rachel Gatt (K.I. nru. 60578M), Conrad Fenech (K.I. nru. 32468M), Margo Micallef (K.I. nru. 56577M), Joseph Zammit (K.I. nru. 254477M), Joanne Fenech (K.I. nru. 71170M), Chris Meli**

**(K.I. nru. 423669M), Mark Aquilina (K.I. nru. 219569M), Marie Louise Cutajar (K.I. nru. 334069M), Anatole Scerri Diacono (K.I. nru. 465074M), Victoria Seguna (K.I. nru. 363967M), Martin Cachia (K.I. nru. 180567M), Pauline Sultana (K.I. nru. 408668M), Louiselle Cauchi (K.I. nru. 276668M)**
*('l-appellati')*

***vs.***

**Air Malta plc (C 2685)** *('l-appellanta')*
**u**
**Union of Cabin Crew Members** *('l-appellata UCC')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà intimata **Air Malta plc (C 2685)** [minn issa 'l quddiem 'is-soċjetà appellanta'] mid-deċiżjoni mogħtija fit-8 ta' Ottubru, 2024 [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'] mit-Tribunal Industrijali [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'] fl-ismijiet fuq premessi, li ddeċieda t-talbiet tar-rikorrenti **Jonathan Micallef (K.I. nru. 476285M), Carmen Cuschieri (K.I. nru. 299669M), Marylise Fava (K.I. nru. 261188M), Jennifer Falzon (K.I. nru. 109869M), Melvyn Vassallo (K.I. nru. 565774M), Bernice Schembri Wismayer (K.I. nru. 318387M), Annalise Zammit (K.I. nru. 172385M), Godwin Farrugia (K.I. nru. 322869M), Audrey Borg (K.I. nru. 119469M), Doreen Falzon (K.I. nru. 16568M), Vladimir Pace Frendo (K.I. nru. 358483M), Stephanie Pearson (K.I. nru. 144071M), Joseph Borg (K.I. nru. 49683M), Daniela Spiteri (K.I. nru. 349681M), Bernard Maniscalco (K.I. nru. 389591M), Denise Fenech (K.I. nru. 173390M), Clare Muscat (K.I. nru. 250073M), Chris Fabri (K.I. nru. 499479M), Yanika Debono (K.I. nru. 333373M), Bernardette Gouder Valletta (K.I. nru. 280373M), Roberta Gauci**

**Borda (K.I. nru. 231378M), Mary Mifsud (K.I. nru. 310475M), Esther Azzopardi (K.I. nru. 10482M, Josann Robertson (K.I. nru. 492875M), Joel Calleja (K.I. nru. 156872M), Lilian Mifsud (K.I. nru. 139872M), Shirley Farrugia (K.I. nru. 512871M), Charles Vincenti (K.I. nru. 136169M), Vanessa Degiorgio (K.I. nru. 273674M), Rachel Gatt (K.I. nru. 60578M), Conrad Fenech (K.I. nru. 32468M), Margo Micallef (K.I. nru. 56577M), Joseph Zammit (K.I. nru. 254477M), Joanne Fenech (K.I. nru. 71170M), Chris Meli (K.I. nru. 423669M), Mark Aquilina (K.I. nru. 219569M), Marie Louise Cutajar (K.I. nru. 334069M), Anatole Scerri Diacono (K.I. nru. 465074M), Victoria Seguna (K.I. nru. 363967M), Martin Cachia (K.I. nru. 180567M), Pauline Sultana (K.I. nru. 408668M), Louiselle Cauchi (K.I. nru. 276668M)** [minn issa 'l-appellati'] kontra s-soċjetà intimata **Air Malta plc (C 2685)** [minn issa 'l quddiem 'is-soċjetà appellanta'] u l-intimata **Union of Cabin Crew Members** [minn issa 'l quddiem 'l-appellata UCC'], kif ġej:

> *"Għaldaqstant, dan it-Tribunal qiegħed jiddeċiedi li hija s-soċjetà intimata, Air Malta plc li hi unikament responsabbli għall-ħlas tal-kumpens, u dan hekk kif ġie ordnat fid-deċiżjoni tiegħu tal-25 ta' Lulju, 2023, liema kumpens ġie wkoll ikkonfermat fid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell, tat-3 ta' Mejju, 2024. Dan it-Tribunal ma għandu l-ebda poteri mogħtija lilu mill-Kap. 452 li jiddeċiedi dwar din il-lanjanza li tqajmet mill-Onorabbli Qorti tal-Appell, u għalhekk dan it-Tribunal mhux il-fora adatt li jisma' u jiddeċiedi din il-pendenza."*

**<u>Fatti</u>**

2. Dawn il-proċeduri jikkonċernaw l-allegat ksur tal-prinċipju tal-ugwaljanza u tan-non-diskriminazzjoni fuq il-post tax-xogħol, inkluż il-prinċipju ta' *equal pay for equal work,* u għaldaqstant ir-rikorrenti talbu lit-Tribunal Industrijali jiddikjara li l-ftehim kollettiv datat is-6 ta' Diċembru, 2017 li jikser tali prinċipji,

huwa null u bla effett, b'talba għal-likwidazzjoni tad-danni għall-ksur soffert minnhom. Id-deċiżjoni dwar il-likwidazzjoni tal-kumpens li għandu jitħallas lir-rikorrenti, diġà għaddiet in ġudikat, u f'dan l-istadju irid jiġi deċiż liema waħda mill-intimati hija responsabbli għall-ħlas tal-imsemmi kumpens.

**Mertu**

3. Ir-rikorrenti istitwew il-proċeduri odjerni fejn spjegaw li huma kienu impjegati mas-soċjetà intimata Air Malta plc bħala *in-flight managers* jew *cabin crew.* Qalu li permezz tal-ftehim kollettiv datat is-6 ta' Diċembru, 2017, kemm is-soċjetà intimata kif ukoll l-union li tirrappreżentahom, issottoskrivew għal klawsola li tirregola l-pagi tal-ħaddiema, li tgħid hekk:

> *"The five (5) years covered by the Collective Agreement, commencing on 1st January, 2018, are subject to a minimum increase of one thousand Euro (€1,000) in take home pay when compared to the best year as chosen by the employee for the period 2014, 2015, 2016 and 2017 as stipulated in the Agreement dated 24th August, 2016 (Appendix A) and applicable to employees in employment at the date of signing of this Agreement but excluding part-time employees. If in any year, the employee will not reach the best year threshold plus one thousand Euro (€1,000), the minimum increase threshold mechanism will apply. A corrective mechanism bonus consisting of the difference between the actual gross earning of that particular year (2018-2022) and the best take-home added with a top-up of one thousand Euro (€1,000) will be given, the said bonus will be reflected in the January following the applicable year salary.*
>
> *The take home pay for reduced hours employees shall be calculated on 50% of the average of full-time employees' take home pay as long as they work two (2) flights per week."*

4. Ir-rikorrenti qalu li għaldaqstant skont dan il-ftehim kollettiv, il-pagi kurrenti tal-*cabin crew* għas-snin bejn l-2018 u l-2022 ser jiġu determinati fuq bażi individwali skont l-aħjar sena bejn l-2014 u l-2017 fuq għażla tal-impjegati.

Ir-rikorrenti qalu li dan jammonta għal trattament diskriminatorju, għaliex ser ikun hemm ħaddiema li ser jiġu offruti ħlasijiet jew kundizzjonijiet tax-xogħol inqas favorevoli minn dak li jgħoddu għal impjegati fl-istess xogħol jew f'xogħol ta' valur ugwali. Ir-rikorrenti qalu li l-artikolu 27 tal-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali jipprovdi wkoll illi:

> "Impjegati fl-istess klassi ta' impjieg għandhom id-dritt għall-istess rata ta' rimunerazzjoni għal xogħol ta' valur ugwali:
>
> B'dan illi l-prinċipal u ħaddiem jew union ta' ħaddiema b'riżultat ta' negozjati għal ftehim kollettiv jistgħu jiftiehmu dwar skali ta' salarji, żidiet annwali u kundizzjonijiet ta' xogħol oħra differenti għal ħaddiema li jkunu impjegati fi żminijiet differenti, liema skali jkollhom massimu li jintlaħaq wara żmien stabbilit;
>
> u
>
> B'dan ukoll illi kull distinzjoni bejn klassijiet ta' impjieg ibbażata fuq trattament diskriminatorju mod ieħor milli skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jew xi liġi oħra tkun nulla u bla effett."

5. Ir-rikorrenti għamlu riferiment ukoll għal dak li jipprovdu r-Regolamenti dwar Trattament Ugwali fl-Impjiegi (Leġislazzjoni Sussidjarja 452.95), u l-mod kif jirregolaw *'trattament diskriminatorju'.* Qalu li huwa ċar li l-ftehim kollettiv li ġie innegozjat, jikser il-prinċipju fundamentali tal-*equal pay for equal work* kif sanċit mid-dispożizzjonijiet legali li huma għamlu riferiment għalihom, u dan għaliex japplika fir-rigward tal-pagi spettanti lill-ħaddiema fl-istess skala ta' xogħol għas-snin bejn l-2018 u l-2022, mhux rata uniformi determinata skont ix-xogħol minnhom eżegwit matul l-istess perijodu, imma rata individwali affettwata mill-aħjar sena ta' xogħol imwettaq mill-impjegat rispettiv fuq medda ta' snin passati bejn l-2014 u l-2017. Qalu li b'dan il-mod, ser jibbenefikaw l-aktar dawk l-impjegati li ħadmu l-aktar fis-snin imsemmija, jiġifieri bejn l-2014 u l-2017

filwaqt li ser jiġu diskriminati dawk li ħadmu inqas f'dawn is-snin, anki jekk dawn tal-aħħar ikunu ħadmu aktar fis-snin 2018 sal-2022. Ir-rikorrenti spjegaw li bl-applikazzjoni ta' dawn il-klawsoli tal-ftehim kollettiv, ser ikun hemm diskriminazzjoni diretta/indiretta fir-rigward ta' dawk il-ħaddiema li kienu l-aktar vulnerabbli bejn is-snin 2014-2017 inklużi dawk il-ħaddiema li fl-imsemmija snin ma kinux f'pożizzjoni li jagħtu l-aħjar prestazzjoni lavorattiva f'termini ta' pagi għal diversi raġunijiet, fosthom minħabba *maternity leave* jew *incapacity to work leave.* Qalu li tali diskriminazzjoni, u l-ksur tal-prinċipju *equal pay for equal work,* jirriżultaw ukoll mill-fatt li l-impjegati ser ikunu qegħdin jitħallsu mhux b'riferiment għax-xogħol imwettaq minnhom fiż-żmien relattiv, iżda b'riferiment għal paga li fi kwalunkwe każ ma tistax tiżboq jekk mhux b'elf Euro dik li tkun l-aħjar paga magħżula minnhom mis-snin bejn l-2014 u l-2017.

6. Ir-rikorrenti qalu li metodi simili ta' kif tiġi determinata l-paga f'ġurisdizzjonijiet oħrajn, tqiesu bħala li jammontaw għal diskriminazzjoni u li jiksru l-prinċipju tal-*equal pay for equal work,* għaliex jużaw parametri u kriterji ta' snin mgħoddija sabiex jiddeterminaw il-paga attwali dvouta lill-impjegati, irrispettivament mix-xogħol imwettaq minnhom fiż-żmien attwali. Ir-rikorrenti qalu li din id-diskriminazzjoni tinsab imsaħħa mill-fatt li huma ġew infurmati mill-kumpannija AirMalta plc li fir-rigward ta' impjegati li jaqilbu minn *reduced hours* għal *full-time,* il-paga lanqas ma tiġi determinata skont l-aħjar sena in linea ma' dak li jgħid il-ftehim kollettiv, iżda sempliċiment il-paga dovuta għall-impjieg fuq bażi ta' *reduced hours* tiġi rduppjata, u ż-żieda ta' almenu elf Euro (€1,000) biex tintlaħaq l-aħjar paga skont is-snin imsemmija, tiġi kkunsidrata għall-fini ta' żidiet dovuti fis-sena sussegwenti, u dan għaliex l-istess klawsola tgħid ukoll li '*the said bonus will be reflected in the January following the*

*applicable year salary'.* Ir-rikorrenti qalu li l-ftehim kollettiv jipprovdi diversi kundizzjonijiet li ġew konċessi mill-impjegati bil-ħsieb li huma kienu ser jibbenefikaw minn *take-home pay* skont il-liġi, u li ma jkunx hemm diskriminazzjoni bejniethom u jingħataw kumpens komparabbli għal xogħol ta' valur komparabbli.

7. Is-soċjetà intimata wieġbet li l-ftehim kollettiv mertu ta' dawn il-proċeduri ġie negozjat, maqbul u ffirmat riċentement bejn il-kontendenti, u għalhekk dan huwa kuntratt validu u infurzabbli li għandu s-saħħa ta' liġi bejn il-partijiet, u għandu jiġi rispettat skont il-massima *pacta sunt servanda.* Is-soċjetà intimata qalet li għalhekk ir-rikorrenti m'għandhom l-ebda jedd jibdlu jew iħassru dak li ġie miftiehem b'mod validu u leġittimu bejn il-kontendenti. Qalet ukoll li l-prinċipju *equal pay for equal work* ġie rispettat għaliex ir-rikorrenti qegħdin jirċievu l-istess rata ta' rimunerazzjoni u paga bħal sħabhom. Żiedet tgħid li l-klawżola li tirregola l-mekkaniżmu ta' korrezzjoni fit-*take-home pay* tal-impjegati tuża kriterju oġġettiv u tapplika bl-istess mod għall-impjegati kollha koperti bil-ftehim kollettiv, u għalhekk mhijiex diskriminatorja. Qalet li f'każ li l-ftehim kollettiv jirriżulta li jkollu l-effett ta' xi diskriminazzjoni indiretta, din m'għandhiex tkun ċensurabbli bħala illegali għaliex hija ġustifikabbli oġġettivament abbażi tal-ħtiġijiet operattivi tagħha. Is-soċjetà intimata qalet li mingħajr preġudizzju għall-kumplament tal-eċċezzjonijiet tagħha, f'każ li t-Tribunal jidhirlu li l-mekkaniżmu korrettiv huwa diskriminatorju bi ksur tal-liġijiet applikabbli u/jew li dan jilledi l-prinċipu ta' *equal pay for equal work of equal value,* u għalhekk ikun sodisfatt li dan l-ilment huwa ġustifikat, it-Tribunal għandu jeżerċita l-poter mogħti lilu bl-artikolu 30 tal-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, u jikkanċella l-klawsola f'każ li tkun diskriminatorja bi

ksur tal-liġijiet applikabbli u/jew tilledi l-prinċipju ta' *equal pay for equal work of equal value.* Kompliet tgħid li jekk it-Tribunal jidhirlu li l-mekkaniżmu korrettiv huwa diskriminatorju bi ksur tal-liġijiet applikabbli u/jew jilledi l-prinċipju ta' *equal pay for equal work of equal value,* u għalhekk ikun sodisfatt li l-ilment huwa ġustifikat, m'għandu jkun hemm l-ebda kumpens dovut lir-rikorrenti għaliex dawn ma sofrew l-ebda dannu stante li l-mekkaniżmu korrettiv għadu ma tħaddem qatt. Is-soċjetà intimata qalet li kwalunkwe allegazzjoni ta' diskriminazzjoni bi ksur tar-Regolamenti dwar Trattament Ugwali fl-Impjieg naxxenti mill-premessa numru 6 tar-rikors promotur, hija fiergħa u infondata, u għalhekk talbet lit-Tribunal jiċħad it-talbiet tar-rikorrenti fl-intier tagħhom.

8. L-intimata UCC wieġbet li r-rikorrenti jridu jiċċaraw x'jifhmu meta jħarrku lilha, jiġifieri jekk humiex qegħdin iħarrku lill-*union* jew inkella lill-membri tal-kumitat tagħha personalment, u jekk il-kawża hijiex qiegħda ssir kontra l-kumitat preżenti jew kontra l-kumitat li kien responsabbli meta sar il-Ftehim Kollettiv mertu ta' dawn il-proċeduri. Qalet li r-risposta tagħha ġiet ippreżentata fl-isfond li r-rikorrenti fehmu li qed tiġi mħarrka *union* debitament reġistrata skont il-liġi, u għalhekk din tista' tħarrek u tiġi mħarrka *ai termini* tal-liġi. Qalet ukoll li hija tiċħad li daħlet f'xi arranġament jew Ftehim Kollettiv bi preġudizzju għad-drittijiet tal-membri tagħha, u ssostni li m'hemm l-ebda trattament diskriminatorju. Tgħid ukoll li hija dejjem iffirmat wara li għaddiet mill-proċess demokratiku fejn il-maġġoranza tal-membri tagħha approvaw il-Ftehim propost, u anki fil-każ odjern qatt ma kienet imwaqqfa jew affaċċjat xi proċedura sabiex tieqaf milli tiffirma. L-intimata UCC qalet li hija tibqa' tqis l-interessi tal-membri tagħha mingħajr distinzjoni, mhux l-inqas tar-rikorrenti li kienu u għadhom membri tagħha, u għalhekk hija disposta li tbaxxi rasha għad-

deċiżjoni tat-Tribunal. Qalet ukoll li t-tielet u r-raba' talbiet tar-rikorrenti ma jistgħux jintlaqgħu fil-konfront tagħha għaliex tali pretensjonijiet jistgħu jitressqu biss fil-konfront ta' min iħaddem. L-UCC issollecitat lill-partijiet l-oħra f'dawn il-proċeduri sabiex isibu soluzzjoni għal din il-pendenza, u dan mingħajr preġudizzju għall-kumplament tal-eċċezzjonijiet indikati fir-risposta tagħha.

**<u>Id-Deċiżjoni Appellata</u>**

9. It-Tribunal, fid-deċiżjoni tiegħu tat-8 ta' Ottubru, 2024, iddeċieda li s-soċjetà intimata hija responsabbli għall-ħlas tal-kumpens, kif ordnat fid-deċiżjoni tiegħu tal-25 ta' Lulju, 2023, liema kumpens ġie kkonfermat ukoll fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) tat-3 ta' Mejju, 2024, u li t-Tribunal m'għandu l-ebda poteri mogħtija lilu bil-Kap. 452 li jiddeċiedi dwar il-kweżit li tqajjem mill-Qorti tal-Appell, u għalhekk qies li hu mhux il-forum adattat li jiddeċiedi dwar din il-pendenza, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"Din hija deċiżjoni wara li l-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fid-deċiżjoni tagħha tat-3 ta' Mejju, 2024 irriteniet is-segwenti:*
>
> "Decide
>
> Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi dwar dan l-appell billi:
>
> (a) Tilqa' l-appell tas-soċjetà intimata, u dan limitatament kif ingħad iktar 'il fuq f'din is-sentenza, u tħassar u tirrevoka dik il-parti tad-deċiżjoni appellata fejn it-Tribunal ħeles lill-intimata Union of Cabin Crew mill-osservanza tal-ġudizzju, u tikkonferma l-kumplament tad-deċiżjoni appellata, filwaqt li tiddikjara l-kumplament tal-imsemmi appell bħala inammissibbli a tenur tad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu 82(3) tal-Kap. 452, u għaldaqstant tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-aggravji relattivi;

(b) Tiddikjara wkoll inammissibbli l-appell inċidentali tar-rikorrenti u tastjeni milli tieħu konjizzjoni tiegħu; u

(c) Tordna sabiex l-atti jintbagħtu lura quddiem it-Tribunal li għandu jiddeċiedi dwar ir-responsabbilità o meno tal-intimata Union of Cabin Crew, anki fir-rigward tal-kumpens illikwidat favur ir-rikorrenti." (*fn. 1: Deċiżjoni tat-3 ta' Mejju, 2024, Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), Appell Inferjuri Numru 85/2023LM fl-ismijiet Jonathan Micallef et vs Air Malta plc (C 2685) u l-Union of Cabin Crew, per l-Onorevoli Imħallef Lawrence Mintoff)*

*Illi għalhekk dan it-Tribunal għandu jiddeċiedi dwar ir-responsabbilità o meno tal-Union of Cabin Crew dwar jekk l-istess union hijiex responsabbli għall-ħlas ta' kumpens, u dan hekk kif likwidat favur ir-rikorrenti.*

*Illi għalhekk inżammet seduta għal dan l-iskop fejn il-partijiet ittrattaw dan il-punt, u dan hekk kif ordnat l-Onorevoli Qorti tal-Appell, quddiem dan it-Tribunal fis-seduta tal-11 ta' Ġunju, 2024.*

*Illi dan it-Tribunal sema' u evalwa t-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partjiiet, u ċioé l-Avukat Philip M. Magri għar-rikorrenti, l-Avukat Ron Galea Cavallazzi għas-soċjetà Air Malta plc, u l-Avukat Keith A. Borg għall-intimata l-oħra, Union of Cabin Crew, dwar dan il-punt ta' responsabbilità tal-union intimata.*

*Id-difensur tar-rikorrenti, beda t-trattazzjoni tiegħu billi sostna li l-Qorti tal-Appell laqgħet limitatament l-Appell u li għalhekk issa fadal din il-vertenza jekk il-Union of Cabin Crew għandhiex tinżamm responsabbli, in toto, in parte, jew addirittura ma hi responsabbli xejn.*

*Ir-rappreżentant legali, Dottor Philip M. Magri ssottometta li kien hemm qbil mar-raġonament ta' dan it-Tribunal, u dan stante li r-raġonament kien ibbażat fuq l-artikolu ċitat tal-Kap. 452. F'dawn it-tip ta' kwistjonijiet l-azzjoni hi bejn il-prinċipal u l-impjegati. Ġie sottomess li din il-kwistjoni ta' xogħol ġiet intavolata kontra l-prinċipal u kontra l-Union of Cabin Crew minħabba l-integrità tal-ġudizzju. Hu l-prinċipal li jrid jissalvagwardja l-prinċipju tal-*equal pay for equal work. *Il-Prinċipal, f'dawn iċ-ċirksotanzi dan ma għamlux, sostna l-konsulent legali tar-rikorrenti.*

*L-intimata Union of Cabin Crew kienet parti mill-kuntratt, ossia l-Ftehim Kollettiv, u għalhekk kellha tkun parti minn din il-kwistjoni ta' xogħol. L-avukat Magri, fit-trattazzjoni tiegħu, jagħmel referenza għall-artikolu 1049 (fn. 2: Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, artikolu 1049(1) – Meta żewġ persuni jew iżjed ikunu dolożament għamlu ħsara, l-obbligazzjoni tagħhom għall-ħlas ta' dik il-ħsara hija* in solidum*) u 1050 (fn. 3: Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, artikolu 1050(1)* Jekk il-biċċa tal-ħsara li kull wieħed ikun ikkaġuna ma tkunx tista' tiġi stabbilita, min ikun bata l-ħsara

jista' jitlob il-ħlas tal-ħsara kollha mingħand kull min irid minn dawk li jkunu ħadu sehem fiha, ukoll jekk ilkoll jew xi wħud minnhom ma jkunux imxew dolożament, bla ħsara tal-jedd tal-konvenut li jdur kontra l-ieħor jew l-oħrajn*) tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Dawn l-artikoli ċitati jittrattaw meta żewġ persuni jew aktar b'mod doluż jagħmlu ħsara u għalhekk huma obbligati għal ħlas ta' dik il-ħsara. Fi ftit kliem għalhekk l-intimati huma responsabbli* in solidum *bejniethom għall-ħsara li r-rikorrenti sofrew.*

*Fit-trattazzjoni tiegħu, ir-rappreżentant legali tar-rikorrenti għamel diversi referenzi għal deċiżjonijiet (fn. 4: Qorti tal-Appell Superjuri, Appell Ċivili Nru: 117/2006, fl-ismijiet, Martin Xerri vs Joseph Rapa vs Carmel Rapa, deċiża 28 ta' Ġunju, 2012 per l-Onorevoli Imħallef S.T.O. Dottor Silvio Camilleri, Onor. Imħallef Dottor Geoffrey Valenzia u Onor. Imħallef Dottor Giannino Caruana Demajo, u Qorti Ċivili, Prim'Awla Ċit. Nru: 790/2004, fl-ismijiet John Fitz u Shirley Gauci vs l-Avukat Anthony Rutter Giappone fil-kwalità tiegħu ta' kuratur tal-assenti Domenique Austrauu u Gianni Vitali, deċiża fit-18 ta' Ottubru, 2012, per l-Onor. Imħallef Anthony Ellul).*

*Għalhekk dan it-Tribunal għandu jara jekk dan id-dannu sarx intenzjonalment u dan kif jistipula l-Kodiċi Awstrijak, dak li sar aċċenn għalih fit-trattazzjoni. Il-Ftehim Kollettiv ġie ffirmat miż-żewġ intimati u ħadd ma jiffirma ftehim b'att ta' negliġenza. Għalhekk, sostna d-difensur tar-rikorrenti li fil-każ odjern dan hu dolo, ossia sar b'mod intenzjonat miż-żewġ intimati. Issir referenza ukoll għall-artikolu 1050 tal-Kap. 16, li dan l-artikolu jistipula dwar dik il-parti tal-ħsara kaġonata li ma tkunx tista' tiġi stabbilita minn dak li jkun sofra dik il-ħsara.*

*Illi, hawn ukoll saret referenza mid-difensuri tal-partijiet għal xi ġurisprudenza lokali dwar dan il-punt ta' responsabbilità. Ġie sottomess li d-danneġġjat ikollu garanzija, permezz ta' dan l-artikolu 1050 tal-Kap. 16, li jkun jista' jieħu azzjoni kontra wieħed minn dawk li jkunu responsabbli u dan mingħajr il-bżonn li jieħu azzjoni kontra l-oħrajn. (fn. 6: Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), Onor. Imħallef Philip Sciberras, Appell Ċivili Numru 637/2003/1, fl-ismijiet Kevin Mifsud vs Sparkasse Bank Malta p.l.c. u Windsor Holdings Limited, deċiża 9 ta' Frar, 2005).*

*In oltre, ġie wkoll sottomess fl-għeluq tat-trattazzjoni, mir-rappreżentant legali tar-rikorrenti, li qatt ma tressqet eċċezzjoni mill-intimati dwar li xi ħadd minnhom ittenta li jagħti l-ħtija lill-parti l-oħra. It-trattazzjoni ngħalqet mid-difensur tar-rikorrenti fejn sostna li fl-aħħar mill-aħħar hu l-Prinċipal li għandu jwieġeb fil-konfront tal-intimati. Il-Prinċipal hu dak li jrid iħallas il-pagi u l-union intimata ma tħallasx pagi.*

*Mill-banda l-oħra r-rappreżentant legali tas-soċjetà intimata, Air Malta plc, Dottor Ron Galea Cavallazzi, irribatta għal dak li ġie sottomess mir-rappreżentant legali tar-*

*rikorrenti, fejn irrimarka li r-rikorrenti qegħdin jinsistu għar-responsabbilità* in solidum*, u dan stante li aktar hemm il-possibilità li jitħallsu mis-soċjetà intimata milli jitħallsu mill-union intimata. Hawnhekk saret referenza għall-fatt li fid-deċiżjoni tiegħu t-Tribunal alloka 20% ta' negliġenza kontributorja lir-rikorrenti, u dan sar minħabba dak li għamlet l-union intimata, ossia l-UCC.*

*In oltre, sostna r-rappreżentant legali tas-soċjetà intimata, li qatt ma jista' jkun hemm dannu doluż meta l-partijiet kollha, qabel iffirmaw il-ftehim ħadu pariri legali. Li ġara kien, li kien hemm effetti diskriminatorji li lanqas ma kienu diretti. Dawn l-effetti diskriminatorji kienu minħabba l-fatt li l-mod kif kien imfassal il-mekkaniżmu tal-pagi kien żvantaġġ fuq kategoriji ta' impjegati minn oħrajn. (fn. 7: Trattazzjoni tas-soċjetà intimata Airmalta plc, seduta tal-11 ta' Ġunju, 2024, paġna 5 tat-traskrizzjoni)*

*Fit-trattazzjoni saret referenza għal dak li kien ġara fis-sena 2016, u dan meta l-Gvern kien beda trattattivi mal-Alitalia u kien inqala' paniku dwar x'kien se jiġri mill-impjegati tal-Airmalta. Hawnhekk l-intimata union kienet bdiet negozjati mal-gvern mingħajr ma involviet lill-Airmalta. Dan kollu sar mingħajr ma l-Airmalta ngħatat pre-avviż jew ġiet involuta, jew li tiġi protetta* take home pay. *Sussegwentement kien sar il-Ftehim Kollettiv tat-22 t'Awwissu, 2016. Kif kull min kien involut f'din il-kwistjoni ta' xogħol il-membri tal-*cabin crew *kienu ġew garantiti li jieħdu* take home pay *fuq l-aħjar sena li tintgħażel minn dak il-membru tal-*cabin crew *tas-snin 2014, 2015, 2016. Dan il-mekkaniżmu kien ġie maqbul bejn il-Gvern u l-UCC biss. (fn. 8: ibid.)*

*Dan kollu sar sabiex tinżamm il-paċi industrijali, sostna l-konsulent legali tas-soċjetà Airmalta u kif ukoll sabiex jimxi 'l quddiem il-ftehim kollettiv il-ġdid. Li ġara, saħaq id-difensur tas-soċjetà intimata, kien li dan il-ftehim kien daħal bħala appendiċi ad verbatim fil-Ftehim Kollettiv ta' Diċembru 2017. Kien hemm modifika waħda għal dan il-mekkaniżmu u din kienet li tgħodd ukoll għas-sena 2017 għat-*take home pay*, u dan peress li f'dik is-sena kienu għolew il-pagi ta' kulħadd fl-Airmalta. Ħafna mill-impjegati kienu għażlu dik is-sena, 2017 bħala* take-home pay *għaliex kienet l-aktar sena li ħadu paga. Il-bonus tal-mekkaniżmu korrettiv (*corrective mechanism bonus) *kien ġie miftiehem minn qabel u għalhekk baqgħet dieħla mal-Ftehim Kollettiv, sostna d-difensur tal-Airmalta.*

*Dan kien juri biċ-ċar li l-bonus tal-mekkaniżmu korrettiv ma kienx ġie diskuss mal-Airmalta u lanqas li kien xi frott tan-negozjati mal-istesss Airmalta. Dan kien abbuż mis-sistema, saħaq il-konsulent legali tal-Airmalta, u li lanqas hemm korrelazzjoni bejn it-*take home pay *u dan peress li min kien ħadem ċertu sigħat inqas u kien xorta ħa paga aktar minn dawk is-sigħat li kien ħadem. Kien għalhekk li fis-sena 2020, fi żmien il-pandemija li s-soċjetà intimata neħħiet dan il-Ftehim Kollettiv.*

*Għalhekk ħadd ma jista' jgħid, sostna d-difensur tal-Airmalta, li kien hemm xi forma ta' ħsara doluża f'dan ir-rigward, la da parti tal-Airmalta u lanqas tal-union intimata. L-union kienet qiegħda tinnegozja fl-aħjar interess tal-membri tagħha. Għalhekk l-Airmalta mhijiex unikament responsabbli, il-mekkaniżmu daħal sfurzat fuq l-Airmalta u dan mingħajr lanqas qatt kienet mistiedna għan-negozjati. Din kienet deċiżjoni li kienet diġà ttieħdet għal Airmalta wara li l-UCC u l-Gvern kienu qablu bejniethom, u li kienet il-UCC li kienet mexxiet dawn in-negozjati. Il-UCC kellha r-riedni f'idejha, bil-ftehim mal-Gvern u kif ukoll meta kien sar il-Ftehim Kollettiv. (fn 9: trattazzjoni tas-soċjetà intimata Airmalta plc, seduta tal-11 ta' Ġunju, 2024, paġna 7 tat-traskrizzjoni).*

*Ikun ta' preġudizzju sproporzjonat, għalaq it-trattazzjoni tiegħu d-difensur tas-soċjetà intimata, li tkun l-Airmalta biss responsabbli għal dan kollu. In oltre, saret referenza għal bdil fil-kumitat tal-UCC, li dan kollu ma jiskaġonax lill-union intimata mir-responsabbiltajiet tagħha. Union hi persuna ġuridika separata u għalhekk tibqa' responsabbli għal kull nuqqas li jkun sar mill-kumitat preċedenti, saħaq l-istess difensur tal-Airmalta.*

*Da parti tal-UCC, ir-rappreżentant legali tagħha beda biex irrimarka li l-Airmalta qiegħda tipprova tilgħab logħba tat-tfal iż-żgħar. Id-difensur tal-union intimata saħaq li hu l-prinċipal li jikkontrolla l-post tax-xogħol. Waqt din it-trattazzjoni saret referenza għall-artikolu 27 tal-Kap. 452, fejn dan l-artiklu bl-aktar mod ċar jispjega li impjegati tal-istess klassi għandhom dritt għall-istess remunerazzjoni għal xogħol ta' valur ugwali. (fn. 10: trattazzjoni tal-Union of Cabin Crew, seduta tal-11 ta' Ġunju, 2024, paġna 8 tat-traskrizzjoni)*

*Id-difensur tal-union intimata sostna li union tipparteċipa f'negozjati li jwasslu għal ftehim kollettiv, u dan il-fatt mhux ikkontestat. Mill-banda l-oħra l-union intimata qatt ma tista' tinstab responsabbli li ddiskriminat mal-impjegati li rrappreżentat. Iż-żewġ partijiet ma ressqux ġurisprudenza li tindika dan l-aspett ta' responsabbilità li qiegħed attribwit lill-union intimata.*

*Ikun ukoll perikoluż, sostna d-difensur tal-union intimata li l-assistita tiegħu tiġi misjuba ħatja ta' diskriminazzjoni tal-impjegati li tirrappreżenta. Ir-rappreżentant legali tal-union intimata għalaq it-trattazzjoni billi saħaq li l-union qatt ma sforzat xejn fuq il-Prinċipal, ossia l-Airmalta, kif ġie allegat mill-istess Airmalta.*

*F'din is-seduta r-rappreżentanti legali rribattew għal dak li ġie sottomess fejn ir-rappreżentant legali tar-rikorrenti rribatta għal dak li ssottometta d-difensur tal-Airmalta fejn saħaq li r-responsabbilità tal-Prinċipal toħroġ mil-liġi u mhux għax din ir-responsabbilità qiegħda tiġi attribwita minn xi parti jew oħra. Jekk is-soċjetà*

*intimata tħoss li ġiet sforzata b'din ir-responsabbilità minħabba l-azzjonist tagħha, din ma għandhiex tiġi quddiem it-Tribunal Industrijali, iżda tirrikorri quddiem il-fora kompetenti. (fn. 11: Kontro-replika tar-rikorrenti, seduta tal-11 ta' Ġunju, 2024, paġna 9, traskrizzjoni)*

*L-istess rappreżentant legali tal-Airmalta irribatta għal dak li sostna d-difensur tar-rikorrenti fejn irrimarka li l-Qorti tal-Appell bagħtet lura din il-kwistjoni quddiem dan it-Tribunal sabiex jara jekk il-Union hijiex responsabbli wkoll, mhux jekk l-artikolu 30 tal-Kap. 452 iwassalx għar-responsabbilità tal-Union. Bħal ma ġie sottomess mill-konsulent legali tal-union intimata li hu perikoluż li union tinstab responsabbli, daqstant ieħor mhux sew li s-soċjetà intimata tbati minħabba l-konsegwenzi tal-union, u dan għax twaqqaf l-operat tal-linja tal-ajru, stante li l-union kienet preżenti għan-negozjati mal-Gvern u mal-istess Airmalta, sostna d-difensur tas-soċjetà intimata. (fn. 12: kontro-replika tas-soċjetà intimata, seduta tal-11 ta' Ġunju, 2024, paġna 10 tat-traskrizzjoni)*

*Da parti tar-rappreżentant legali tal-union intimata dan irribatta billi għamel referenza għall-artikolu 30 tal-Kap. 452 u kif ukoll l-artikoli 26, 27, 28 u 29 tal-Kap. 452. Kien proprju għalhekk li l-Qorti tal-Appell li bagħtet lura l-atti lit-Tribunal sabiex jiddeċiedi fuq din il-kwistjoni ta' responsabbilità. Dan sar għax il-Qorti tal-Appell interpretat b'mod differenti minn dak li r-rappreżentant tar-rikorrenti qiegħed jinterpreta l-liġi. (fn. 13: ibid paġna 11 tat-traskrizzjoni)*

*Min-naħa tal-union intimata irribattiet għal dak li ssottomettiet is-soċjetà intimata billi r-rappreżentant legali tagħha saħaq li dak li jikkontempla artikolu 30(1) u (4) hu ċirkostanza fejn il-ksur ikun attribwit lill-prinċipal, u għalhekk hu l-prinċipal li hu responsabbli għal dak il-ksur. In oltre, kull azzjoni kontra l-prinċipal tkun bla preġudizzju taħt xi liġi oħra, ossia taħt forum ieħor kontra xi ħadd ieħor. (fn. 14: kontro-replika tal-union intimata, seduta tal-11 ta' Ġunju, 2024, paġna 11, traskrizzjoni)*

***Konsiderazzjonijiet tat-Tribunal Industrijali***

*Dan it-Tribunal għandu dan il-punt x'jiddeċiedi wara li l-Onorabbli Qorti tal-Appell fid-deċiżjoni tagħha tat-3 ta' Mejju, 2024 bagħtet lura l-atti quddiemu sabiex "*jiddeċiedi dwar ir-responsabbilità o meno tal-intimata Union of Cabin Crew, anki fir-rigward tal-ħlas tal-kumpens likwidat favur ir-rikorrenti.*"(fn. 15: deċiżjoni tat-3 ta' Mejju, 2024, Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), Appell Inferjuri Numru 85/2023 LM, fl-ismijiet Jonathan Micallef et vs Air Malta plc (C 2685) u l-Union of Cabin Crew, per l-Onorevoli Imħallef Lawrence Mintoff).*

*Illi dan it-Tribunal wara li evalwa bir-reqqa l-argumenti kollha tal-partijiet imressqa f'din il-kwistjoni ta' xogħol, matul it-trattazzjoni tagħhom, dan it-Tribunal sejjer sabiex jikkonsidra dak li l-partijiet issottomettew.*
*Il-punt kardinali ta' dan kollu hu jekk hemmx responsabbilità tal-Union of Cabin Crew fir-rigward tal-ħlas tal-kumpens illikwidat a favur tar-rikorrenti, u ċioe dak li l-Onorabbli Qorti tal-Appell talbet lil dan it-Tribunal sabiex jiddeċiedi.*

*Illi dan it-Tribunal jagħmel referenza għall-Kap. 452 fl-artikolu 75(2) fejn dan is-subinċiż jispjega l-funzjoni tat-Tribunal Industrijali, liema subinċiż jistipula:-*

(2) Meta jiġi allegat li ħaddiem ikun tkeċċa b'mod inġust minn prinċipal, jew fejn jiġi allegat li kien hemm ksur ta' xi dmir li joriġina minn xi ħaġa li taqa' taħt il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali taħt it-Titolu I ta' dan l-Att jew ta' xi regolament preskritt taħtu, il-każ għandu jintbagħat lit-Tribunal għad-deċiżjoni tiegħu fuq talba bil-miktub għal hekk magħmula mill-ħaddiem li jallega l-ksur jew minn xi persuna oħra f'isem u għal dak il-ħaddiem." (*fn. 16: Kap. 452, Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, artikolu 75(2) tal-Liġijiet ta' Malta)*

*Dan is-subinċiż jagħmilha ċara li t-Tribunal Industrijali għandu ġurisdizzjoni li jiddeċiedi kwistjonijiet fejn jiġi allegat li kien hemm ksur ta' xi dmir li joriġina minn Titolu 1 tal-Kap. 452 jew ta' xi regolament preskritt taħtu. Dan l-imsemmi subinċiż tnejn (2) ta' artikolu ħamsa u sebgħin (75) isemmi lill-prinċipal bħala dak li jkun wettaq dak il-ksur jew it-tkeċċija inġusta. Fl-ebda istanza ma tissemma jew issir xi referenza għal xi union li tirrappreżenta l-impjegati.*

*In oltre għal dak li jikkonċerna l-kwistjoni odjerna jirriżulta bl-aktar mod ċar li l-artikolu 30(1) jagħti spjegazzjoni dwar lejn min persuna li jkunu nkisrulha xi dritt kontra min għandha tieħu azzjoni fil-każijiet imsemmija f'dan l-artikolu. Jirriżulta bl-aktar mod minn dan ċar minn dan l-artikolu fejn jistipula:-*

30(1) Persuna li tallega li l-**prinċipal** (fn. 17: Kap. 452, Att dwar l-Impjiegi u Relazzjonijit Industrijali, artikolu 30(1) tal-Liġijiet ta' Malta. Enfasi ta' dan it-Tribunal) ikun kiser, jew li l-kondizzjonijiet tal-impjieg ikunu jiksru, id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 26, 27, 28 jew 29 tista', fi żmien erba' xhur mill-ksur allegat, tippreżenta ilment quddiem it-Tribunal Industrijali u t-Tribunal Industrijali għandu jisma' dak l-ilment u jwettaq dawk l-investigazzjonijiet li jqis xierqa.

*Għalhekk dan is-subinċiż wieħed ta' artikolu tletin (30(1)) tal-Kap. 452 jagħmel referenza għall-prinċipal u għal ħadd aktar lejn min persuna għandha tfittex f'każ ta' ksur tal-kundizzjonijiet tal-impjieg u kif ukoll id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 26, 27, 28 u 29. In oltre, dawn l-artikoli kollha ċitati fl-imsemmi artikolu 30(1) kollha jinsabu f'Titolu I tal-Kap. 452, preċiżament f'Taqsima IV.*

*Meta l-Leġislatur kien introduċa dan l-Att, lura fis-sena 2002, l-intenzjoni kienet li dawn l-istanti kollha jkunu inkorporati taħt dan it-titolu, u kif ukoll li r-relazzjoni tkun bejn l-impjegat u l-prinċipal. Għalhekk it-Tribunal Industrijali hu strettament marbut b'dan l-Att, ossia Kap. 452.*

*Mill-banda l-oħra, il-Leġislatur fl-imsemmi Att (Kap. 452), preċiżament f'subinċiż erbgħa tal-artikolu 30(4) tal-imsemmi kap, ta d-dritt lil min iħossu aggravat li jkun jista' jieħu azzjoni quddiem forum ieħor, u li mhux it-Tribunal Industrijali. L-artikolu 30(4) li jistipula s-segwenti:-*

(4) Kull azzjoni meħuda minn persuna li tagħmel ilment skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu tkun mingħajr preġudizzju għal kull azzjoni oħra li dik il-persuna li tagħmel l-ilment tkun tista' tieħu skont xi liġi oħra li tgħodd u tkun ukoll mingħajr preġudizzju għal kull azzjoni oħra li għaliha jista' jkun suġġett ir-rispondent skont xi liġi oħra li tgħodd. (*fn. 18: Kap. 452, Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, artikolu 30(4) tal-Liġijiet ta' Malta).*

*Illi għalhekk il-leġislatur permezz ta' dan is-subinċiż tal-artikolu 30(4) għamilha ċara li azzjoni skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu huma bla preġudizzju għal kull azzjoni oħra li tkun tista' ssir taħt xi liġi oħra li hi valida, u li din l-azzjoni hi rivolta lejn dak ir-rispondent skont xi liġi valida oħra.*

*Illi matul it-trattazzjoni fuq il-punt ta' responsabbilità tal-union intimata saru diversi argumenti, liema argumenti ġew ċitati iktar 'il fuq, fosthom l-argument li sar mir-rikorrenti dwar ir-responsabbilità* in solidum *tas-soċjetà intimata u l-union, b'referenza għall-artikoli tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, ossia artikoli 1049 u 1050.*

*Dan it-Tribunal hu tal-fehma li dawn l-argumenti għalkemm huma validi fis-sostanza tagħhom, f'kuntest tad-dritt ċivili, mill-banda l-oħra dan it-Tribunal, stante l-fatt li hu marbut bil-Kap. 452, irid jimxi fuq dak li l-imsemmi Att jistipula. It-Tribunal Industrijali ma jista' qatt imur kontra dik il-liġi speċjali li hu marbut biha,* lex specialis derogat generalis, *Kap. 452 hu l-Att li t-Tribunal Industrijali għandu josserva meta jiġi sabiex jagħti d-deċiżjonijiet tiegħu.*

*L-argumenti tas-soċjetà intimata wkoll huma validi f'kuntest ta' liġi ċivili, iżda mill-aspett l-ieħor tal-liġi industrijali u tal-impjiegi, u li dan it-Tribunal hu marbut bih, ossia Kap. 452, ma jinkwadrawx. It-Tribunal Industrijali mhux il-fora adattata għal dawn l-argumenti mressqa mis-soċjetà intimata.*

*Il-Leġislatur kien ċar fl-intenzjonijiet tiegħu meta ippromulga dan l-Att, fejn dawn l-azzjonijiet mill-impjegati għażel li jkunu kontra l-prinċipal, ossia min iħaddmu, speċjalment għal dak li jikkonċerna l-kumpens dovut. F'dawn is-sitwazzjonijiet il-*

*Leġislatur qatt ma ta x'jifhem li* trade union *ukoll għandha tkun parti f'dawn l-azzjonijiet li jittieħdu mill-impjegati kontra l-prinċipal, u li f'ċerti ċirkostanzi dik l-istess* trade union *tkun qiegħda tirrappreżenta lill-istess impjegati. Il-Leġislatur għalhekk kien ċar fl-intenzjoni tiegħu dwar dan l-aspett,* ubi lex voluit dixit, ubi noluit tacit.

*Minn dak li dan it-Tribunal evalwa jirriżulta li s-soċjetà intimata, Air Malta plc qiegħda tħossha aggravata għall-fatt li saru negozjati minn wara daharha bejn il-union intimata u l-Gvern, li hu wkoll azzjonist tagħha (Air Malta plc). Is-soċjetà intimata wara li saru n-negozjati, u li kif ġie sottomess qatt ma pparteċipat għalihom, kienet kostretta li tiffirma l-ftehim kollettiv, anzi addirittura ġie allegat li dan il-ftehim ġie sfurzat fuqha.*

*Dan it-Tribunal iqis li dan l-argument ma jistax jaċċettah, u dan meta jieħu in konsiderazzjoni l-esperjenza vasta li s-soċjetà intimata għandha, liema esperjenza inbniet tul dawn is-snin kollha ta' diversi trattattivi ta' negozjati ta' ftehimiet kolletivi tal-ħaddiema tagħha li saru tul is-snin kemm ilha mwaqqfa. Is-soċjetà intimata kellha kull dritt li tevalwa dak il-ftehim li kien sar bejn il-Gvern u l-union intimata, u kif ukoll li terġa' tiftaħ in-negozjati jekk dak il-ftehim kollettiv, li kien sar minn wara daharha, u dan kif ġie sottomess, ma kienx vijabbli għaliha.*

*In oltre, la kien qiegħed jiġi allegat li kien hemm ukoll diskriminazzjoni minħabba l-mod li kien sar il-Ftehim Kollettiv, u dan peress li l-prinċipju ta'* equal pay for equal work *ma kienx osservat, is-soċjetà intimata kellha kull opportunità li tressaq kull prova li turi l-oppost ta' dak li kienu qegħdin jillanjaw ir-rikorrenti. In oltre, is-soċjetà intimata kellha wkoll opportunità li tipprova li dan il-prinċipju ma kienx qed jiġi vvjolat da parti tagħha. F'dawn l-istanti hu l-prinċipal li għandu r-responsabbilità li jonora dan il-prinċipju ta'* equal pay for equal work, *u dan stante li hu l-istess principal li joħroġ il-ħlasijiet, ossia s-salarji lill-impjegati tiegħu. L-awtur Norman Selwyn isostni, dwar dan il-punt segwenti:-*

5.4 In principle, the burden of proof lies upon a claimant to show that, on basis of probabilities, s/he is not receiving equal pay, but in Handels-og v Dansk Arbejdsgiverforening (the 'Danfoss case') the ECJ held that if a pay system manifestly produces inequalities of pay between the sexes, the burden of proof lies upon the employer to show that the criteria used that produces those inequalities are not discriminatory. Thus once there is a suspicion of discrimination in pay scales, the burden of proof shifts to the employer to justify pay differentials (Enderby v Frenchay Health Authority). (*fn. 19: Selwyn's Law of Employment 22nd Edition – Astra Emir, Oxford University Press (2022) – Par. 5.4, p. 171)*

*Illi dan it-Tribunal, li kellu l-opportunità li jisma' din il-kwistjoni ta' xogħol sa mill-bidu nett tagħha jikkonsidra li suspetti dwar il-modalità tal-ħlas tal-iskali li kienet qiegħda tiddiskrimina bejn l-impjegati kienet ġa tidher u tinħass. Kif ġia sar aċċenn aktar 'il fuq, is-soċjetà intimata, li għandha esperjenza vasta ta' negozjar dwar is-salarji tal-impjegati tagħha, setgħet faċilment tirrimedja għal dan kollu. Dan il-bran tal-imsemmi awtur, li b'analoġija jista' jiġi applikat għall-kwistjoni odjerna, jitfa' dawl ċar sabiex wieħed jifhem din is-sitwazzjoni ta' bejn il-partijiet involuti f'din il-kwistjoni ta' xogħol."*

**L-Appell**

10. Is-soċjetà appellanta ppreżentat ir-rikors tal-appell tagħha fis-17 ta' Ottubru, 2024, fejn talbet lil din il-Qorti sabiex:

*"... jogħġobha:*

*8.1.1 tirrevoka u tannulla d-deċiżjoni appellata tat-Tribunal Industrijali tat-8 ta' Ottubru, 2024 (bin-numru 3024); u*

*8.1.2 tgħaddi sabiex hi stess tiddetermina l-proporzjon ta' responsabbilità li għandha tiġi attribwita lill-union u li għandha titnaqqas mill-kumpens li KM ġiet ordnata tħallas lill-appellati, jew, kemm-il darba din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li m'għandhiex tagħmel tali determinazzjoni hi stess, tibgħat l-atti lura lit-Tribunal sabiex jottempera ruħhu mal-ordni mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti fis-sentenza tagħha fl-ismijiet premessi fit-3 ta' Mejju, 2024 b'mod sħiħ u korrett billi tadotta l-interpretazzjoni tal-artikolu 30 li tat din l-Onorabbli Qorti tal-Appell f'dik l-istess sentenza.*

*Bl-ispejjeż kontra l-appellati."*

11. Is-soċjetà appellanta spjegat li hija ppreżentat l-appell tagħha wara li t-Tribunal fid-deċiżjoni tiegħu mar kontra d-deċiżjoni u d-direzzjoni mogħtija mill-Qorti tal-Appell billi naqas milli jevalwa l-provi prodotti quddiemu mill-partijiet, sabiex jiddeċiedi dwar ir-responsabbilità tal-intimata UCC, kif intalab jagħmel, u għażel li jiskarta l-interpretazzjoni tal-Qorti tal-Appell kif dedotta fis-sentenza

tat-3 ta’ Mejju, 2024, u minflok għadda biex ta l-interpretazzjoni tiegħu tal-artikolu 30 tal-Kap. 452, liema interpretazzjoni tmur kontra dak li kien diġà interpretat, evalwat u deċiż mill-Qorti tal-Appell. Qalet li l-unika ħaġa li kellu jagħmel it-Tribunal fil-każ odjern, kienet li jiddeċiedi jekk l-intimata UCC kellhiex responsabbilità għal dak li ġarrbu l-appellati, imma t-Tribunal naqas milli jagħmel dan. Is-soċjetà appellanta qalet li t-Tribunal, permezz tad-deċiżjoni mogħtija minnu fil-25 ta’ Lulju, 2023, kien diġà ta deċiżjoni u llikwida l-kumpens li għandu jitħallas lil tlieta u tletin (33) mir-rikorrenti wara li disgħa (9) minnhom ċedew id-drittijiet litiġjużi tagħhom f’din il-kwistjoni tax-xogħol, b’dan illi l-kumpens kumplessiv li l-imsemmija soċjetà intimata, hawnhekk appellanta, ġiet ordnata tħallas fi żmien xahar mid-data tad-deċiżjoni appellata, jammonta għal ħames mija u ħamsa u tmenin elf, u sitta u ħamsin Euro (€585,056). Minn din id-deċiżjoni kien hemm żewġ appelli, wieħed magħmul mis-soċjetà appellanta, u ieħor inċidentali magħmul mir-rikorrenti. Din il-Qorti, bis-sentenza tagħha tat-3 ta’ Mejju, 2024, iddeċidiet illi għandha tilqa’ l-appell tas-soċjetà appellanta b’mod limitat, ħassret u irrevokat dik il-parti tas-sentenza appellata fejn it-Tribunal ħeles lill-intimata UCC mill-osservanza tal-ġudizzju, u kkonfermat id-deċiżjoni appellata għall-bqija, filwaqt li ddikjarat li l-bqija tal-appell inammissibbli a tenur tad-dispożizzjonjiet tas-subartikolu 82(3) tal-Kap. 452, u għalhekk astjeniet milli tieħu konjizzjoni tal-aggravji relattivi; iddikjarat l-appell inċidentali tar-rikorrenti inammissibbli; ordnat li l-atti jintbagħtu lura quddiem it-Tribunal sabiex dan jiddeċiedi dwar ir-responsabbilità o meno tal-intimata UCC, anki fir-rigward tal-ħlas tal-kumpens likwidat favur ir-rikorrenti. Is-soċjetà appellanta qalet li bit-tieni deċiżjoni tiegħu, it-Tribunal iddeċieda li hija għandha tħallas il-kumpens li għandhom jitħallsu mir-rikorrenti. Is-soċjetà appellanta

ħassitha aggravata bid-deċiżjoni appellata għaliex fil-fehma tagħha, it-Tribunal għamel applikazzjoni żbaljata tal-liġi sabiex wasal għall-konklużjoni tiegħu.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

*L-Aggravju:* *[L-applikazzjoni tal-liġi]*

12. Is-soċjetà appellanta qalet li qabel bdew in-negozjati dwar ftehim kollettiv bejnha u l-UCC, li eventwalment ġie ffirmat f'Diċembru tal-2017, kien ġie negozjat ftehim separat bejn l-UCC u l-Gvern ta' Malta li kien ġie ffinalizzat u ffirmat fit-22 t'Awwissu, 2016. Is-soċjetà appellanta qalet li hija ma kellha ebda involviment f'dan il-ftehim, u la kienet involuta fin-negozjar tiegħu u lanqas mhi firmatarja għalih. Qalet li l-kwistjoni li wasslet għal dan il-ftehim kienet li f'dan il-perijodu l-Gvern ta' Malta kien qiegħed f'diskussjonijiet ma' linja tal-ajru barranija, bil-għan li jinbiegħu l-ishma li l-Gvern ta' Malta għandu fis-soċjetà appellanta lil din l-imsemmija linja tal-ajru barranija, liema diskussjonijiet sfaxxaw fix-xejn. Is-soċjetà appellanta spjegat li meta sar magħruf li kienu qegħdin isiru dawn id-diskussjonijiet, inħolqot ħafna spekulazzjoni dwar dak li kien ser jiġri meta l-ishma jinxtraw minn din il-linja tal-ajru barranija, li imbagħad kienet ser tikkontrolla lilha. Qalet li kien hemm ukoll spekulazzjoni dwar it-tibdil fil-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-*cabin crew* li dan it-trasferiment tal-ishma kienet ser iġġib magħha, inkluż li possibilment ikun hemm tnaqqis fil-*cabin crew* u li l-kundizzjonijiet ta' impjieg ta' dawk li jibqgħu impjegati magħha kienu ser jiġu affettwati b'mod negattiv. Kompliet tgħid li kienet din l-ispekulazzjoni li wasslet lill-UCC biex tintervjeni, sabiex tassigura li jiġu salvagwardjati d-drittijiet tal- *cabin* crew impjegati magħha. Qalet ukoll li

apparti l-biżgħa tat-telf ta’ impjiegi u ta’ tibdil fil-kundizzjonijiet tax-xogħol, kien hemm ukoll diskussjonijiet dwar il-*flight time limitations and rest periods* bħala parti mill-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-*cabin* crew impjegati magħha. Is-soċjetà appellanta spjegat li l-introduzzjoni ta’ dawn il-limitazzjonijiet kienet ser tfisser li dawn l-impjegati jaħdmu iżjed, u għalhekk kien hemm ukoll il-biżgħa li hija kienet ser teħtieġ inqas nies, bil-possibilità li xi uħud jitilfu xogħolhom, filwaqt li min jibqa’ impjegat isofri tnaqqis fl-introjtu. Qalet li kien f’dan il-kuntest li l-appellata UCC avviċinat lill-Gvern ta’ Malta bl-intenzjoni li jintleħaq ftehim li jipproteġi kemm l-impjieg, kif ukoll l-introjtu tal-*cabin crew* impjegati magħha, u dan sar bil-għan li meta imbagħad jibdew in-negozjati magħha għal ftehim kollettiv ġdid, l-UCC ikollha s-serħan il-moħħ li l-impjegati tagħha jkunu protetti bi ftehim mal-Gvern minkejja li jiġu applikati dawn il-limitazzjonijiet. Qalet li fil-fatt l-intimata UCC minn jeddha u mingħajr ebda pre-avviż jew involviment tas-soċjetà appellanta, ressqet proposti quddiem il-Gvern ta’ Malta sabiex kull impjegat bħala *cabin crew* magħha jkollu xogħlu garantit u fl-istess ħin ma jġarrabx tnaqqis fl-introjtu. Qalet li għal dan l-iskop ġie propost mekkaniżmu li permezz tiegħu, kemm-il darba impjegat kien ser jaqla’ inqas mis-snin preċedenti minħabba t-tnaqqis fix-xogħol, kien ser ikollu aġġustament fid-dħul tiegħu permezz ta’ *top-up bonus* biex b’hekk din id-diskrepanza tiġi eliminata, u dan il-kunċett ġie maqbul u manifestat permezz tal-*corrective mechanism bonus* li huwa s-suġġett prinċipali tal-proċeduri quddiem it-Tribunal, u li twieled permezz tal-ftehim iffirmat bejn il-Gvern u l-UCC f’Awwissu 2016. Qalet li minkejja li l-ftehim kien bejn il-Gvern u l-intimata UCC, l-intenzjoni kienet dejjem dik li dak miftiehem bejn il-Gvern u l-UCC ikun jorbot lilha minkejja li hija ma kinitx involuta fid-diskussjonijiet li saru, u lanqas ma kienet firmatarja tal-

imsemmi ftehim, iżda dam kien l-uniku mod kif l-intimata UCC setgħet tinforza l-garanziji għall-membri tagħha. Qalet li dak il-ftehim bejn il-Gvern u l-intimata UCC sar jifforma parti anki mill-Ftehim Kollettiv bejnha u l-*union*, billi meta ġie ffirmat il-Ftehim Kollettiv f'Diċembru 2017, il-ftehim bejn il-Gvern u l-UCC ġie anness bħala kuntratt li s-soċjetà appellanta kellha tieħu konjizzjoni tiegħu u timplimenta permezz tal-ftehim kollettiv. Qalet li għalhekk ma jistax jingħad li l-kunċett tal-*corrective mechanism bonus* ġie propost minnha. Qalet li l-unika differenza bejn dak miftiehem bejn l-UCC u l-Gvern u dak li hemm fil-Ftehim Kollettiv huwa li żdiedet is-sena 2017 fost is-snin li minnhom setgħu jagħżlu l-aħjar *take-home pay* l-impjegati, u din l-emenda ġiet proposta mill-membri tal-Kumitat Eżekuttiv tal-UCC ta' dak iż-żmien, proprju għall-vantaġġ tal-impjegati, għaliex il-paga tal-impjegati kollha kienet ġiet miżjuda fil-perijodu bejn l-2016 u l-2017, u għalhekk kien ser jiġi garantit *take-home pay* ogħla għall-impjegati kollha. Is-soċjetà appellanta spjegat li fis-6 ta' Diċembru, 2017, wara perijodu ta' negozjati bejn l-UCC u s-soċjetà appellanta, ġie ffirmat Ftehim Kollettiv li jirregola l-kundizzjonijiet tal-impjieg tal-*cabin crew* impjegati magħha, u li kien jinkludi fih ukoll il-*corrective mechanism bonus* li ġie mfassal permezz tal-ftehim bejn il-Kumitat Eżekuttiv tal-UCC u l-Gvern fl-2016. Qalet li l-ftehim, id-diskussjonijiet u n-negozjati li wasslu għall-Ftehim Kollettiv saru kollha b'mod miftuħ u trasparenti bl-involviment tal-UCC u ta' uħud mill-appellati li dak iż-żmien kienu parti mill-Eżekuttiv tal-*union,* sabiex ikollhom żmien biżżejjed biex jeżaminawh, u anke saru żewġ laqgħat mal-impjegati li jaqgħu taħt dan il-Ftehim Kollettiv, sabiex jiġu ċċarati dawk il-kwistjonijiet kollha li kienu jeħtieġu kjarifika u jiġu mwieġba l-mistoqsijiet kollha tal-impjegati, qabel dawn għaddew biex jivvutaw dwaru, u l-ftehim ġie approvat mill-maġġoranza tal-membri tal-UCC, u

wara ġie ffirmat. Qalet li sabiex jintlaħaq bilanċ bejn il-ħtieġa tal-flessibilità u l-effiċjenza fl-operat tagħha li ntlaħaq ftehim dwarhom fil-Ftehim Kollettiv, u min-naħa l-oħra sabiex tiġi evitata sitwazzjoni fejn jiġi ppreġudikat id-dħul tal-impjegati bħala *take-home pay,* ġie fis-seħħ il-*corrective mechanism bonus* kif maqbul bejn il-Gvern u l-UCC.

13. Is-soċjetà appellanta qalet li hija tħossha aggravata bid-deċiżjoni appellata għaliex it-Tribunal naqas għal darba oħra, u minkejja direzzjoni speċifika tal-Qorti tal-Appell biex jagħmel dan, milli jiddeċiedi dwar ir-responsabbilità tal-UCC. Is-soċjetà appellanta qalet li fid-deċiżjoni appellata saret applikazzjoni żbaljata tal-artikoli 30 u 75 tal-Kap. 452, li abbażi tagħhom it-Tribunal iddeċieda li m'għandu ebda setgħa li jiddeċiedi dwar din il-kwistjoni li tqajmet mill-Qorti tal-Appell, u konsegwentement għadda biex jiddeċiedi li s-soċjetà appellanta hija responsabbli għall-ħlas tal-kumpens kif ordnat mit-Tribunal fid-deċiżjoni tal-25 ta' Lulju, 2023.

14. Is-soċjetà appellanta qalet li l-artikolu 30 tal-Kap. 452 jitkellem dwar ċirkostanzi fejn il-kundizzjonijiet tal-impjieg jiksru d-dispożizzjonijiet tal-Kap. 452 mingħajr ma r-responsabbilità għal dak il-ksur tkun attribwita lill-pli filwaqt li huwa minnu li l-artikolu 30(4) tal-Kap. 452 jagħti d-dritt lil-lanjant li jressaq azzjoni addizzjonali quddiem kwalunkwe qorti jew tribunal ieħor sabiex jivvanta pretensjonijiet ulterjuri li ma jkunux ġew trattati fil-proċeduri quddiem it-Tribunal, dan ma jista' qatt jeskludi li jsiru proċeduri taħt l-artikolu 30(1) tal-Kap. 452 li ma jkunux unikament kontra l-prinċipal fejn il-ksur allegat ma jkunx attribwibbli biss lill-prinċipal, għaliex ikunu l-kundizzjonijiet tal-impjieg li jikkawżaw tali ksur. Is-soċjetà appellanta qalet li jekk wieħed iħares lejn l-

artikolu 30(4) tal-Kap. 452, dan hu ċar fis-sens li l-ilment jista' jsir kontra persuni oħra li mhumiex il-prinċipal. Qalet li fil-fatt jintuża t-terminu 'rispondent' biex issir distinzjoni mill-prinċipal, u fil-fatt id-diċitura tal-artikolu 30(1) tal-Kap. 452 isemmi żewġ ċirkostanzi fejn tista' ssir l-azzjoni. L-ewwel fejn ikollok prinċipal li qiegħed jikser id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 26, 27, 28 u 29 tal-Kap. 452. It-tieni fejn il-kundizzjonijiet tal-impjieg infushom jiksru d-dispożizzjonijiet tal-imsemmija artikoli, mingħajr ma jiġi speċifikat minn min inksiru jew li jinkisru mill-prinċipal. Is-soċjetà appellanta alet li din id-distinzjoni ssir b'mod konxju u strutturat, għaliex fit-tieni każ mhux ovvju li azzjoni trid bilfors tittieħed kontra l-prinċipal, jew li l-prinċipal biss jista' jkun responsabbli għall-fatt li l-ksur tal-kundizzjonijiet tal-impjieg infushom jiksru d-dispożizzjonijiet tal-artikoli 26, 27, 28 u 29. Qalet li f'ċirkostanzi bħal dawk odjerni, fejn hemm entitajiet jew persuni oħrajn li huma responsabbli għal dawk il-kundizzjonijiet ta' impjieg, tkun inġustizzja li l-liġi tiġi interpretata b'mod li jkun il-prinċipal li jinstab responsabbli, meta l-ftehim kien bejn żewġ partijiet, u dan ġie negozjat f'ċirkostanzi fejn ma kien hemm ebda parti li kellha xi saħħa akbar mill-oħra.

15. Is-soċjetà appellanta qalet li anke jekk wieħed jasal biex jaqbel mal-prinċipju li l-UCC ma tiġix ordnata tħallas kumpens lill-impjegati, il-prinċipal għandu jiġi meħlus milli jħallas kumpens għal dak il-proporzjon tan-nuqqas li jista' jiġi attribwit lill-intimata UCC, li flimkien magħha ġie maqbul il-ftehim. Qalet li hija sejra ssofri preġudizzju sproporzjonat jekk tinżamm responsabbli hi biss u trid tagħmel tajjeb hija biss għal xi ksur li joħroġ minn ftehim bejn żewġ persuni, mingħajr ma titqies ir-responsabbiltà li għandha tintrefa' mill-intimata UCC u titnaqqas minn dik li ntefgħet fuqha. Is-soċjetà appellanta qalet illi huwa għal dawn ir-raġunijiet li fil-fehma tagħha, it-Tribunal interpreta l-artikolu 30 tal-

Kap. 452 b'mod żbaljat u ħeles lill-intimata UCC minn kull responsabbilità b'mod li jmur kontra d-dispożizzjonijiet tal-istess artikolu. Is-soċjetà appellanta qalet li kien f'dan il-kuntest li hija pproponiet pożizzjoni ċara fis-sens li ma hemm xejn li jista' jeskludi li proċeduri meħuda a tenur tal-artikolu 30(1) tal-Kap. 452 isiru anki kontra persuni li mhumiex il-prinċipal. Is-soċjetà appellanta qalet li l-pronunzjament ta' din il-Qorti, flimkien mal-ordni sabiex l-atti jintbagħtu lura quddiem it-Tribunal ħalli jiddeċiedi dwar ir-responsabbilità tal-UCC anki fir-rigward tal-ħlas tal-kumpens likwidat favur ir-rikorrenti, li kien jirrappreżenta direzzjoni ċara lit-Tribunal sabiex jevalwa l-provi li diġà kellu quddiemu u jiddetermina l-grad ta' responsabbilità li għandha tintrefa' mill-intimata UCC bħala l-persuna li kellha rwol kemm fit-tfassil tal-*corrective mechanism bonus* kif ukoll fin-negozjati dwar il-Ftehim Kollettiv li kien jinkorpora dak il-mekkaniżmu li nstab li jikkostitwixxi ksur li abbażi tiegħu l-appellati ngħataw kumpens.

16. Is-soċjetà appellanta qalet li dak li jingħad fir-rigward tal-artikolu 30(1) tal-Kap. 452 huwa applikabbli fl-intier tiegħu għall-artikolu 75(2) tal-istess liġi. Is-soċjetà appellanta qalet li donnu li t-Tribunal ried jasal għal konklużjoni fejn l-appellati jieħdu l-kumpens sħiħ li ġew mogħtija mit-Tribunal mingħandha mingħajr ma tiġi implikata l-intimata UCC.

17. Is-soċjetà appellanta qalet li minkejja d-direzzjoni ċara mogħtija lit-Tribunal minn din il-Qorti, sabiex jevalwa l-provi u l-grad ta' responsabbilità li għandha terfa' l-UCC, kif ukoll l-argumenti li saru b'mod dettaljat fit-trattazzjonijiet quddiemu dwar l-artikolu 30 tal-Kap. 452, it-Tribunal għażel li jinjora d-direzzjoni ta' din il-Qorti, u minflok għamel akrobazija sħiħa sabiex

jiddikjara li m'għandux kompetenza jiddeċiedi dwar din 'il-lanjanza' li tqajmet mill-Qorti tal-Appell. Is-soċjetà appellanta qalet li l-interpretazzjoni li ta t-Tribunal tal-artikolu 30 tal-Kap. 452, tmur direttament kontra kull konsiderazzjoni magħmula minn din il-Qorti tal-Appell, ma tosservax id-direzzjonijiet mogħtija lit-Tribunal, u twassal għal pożizzjoni diametrikament opposta għall-interpretazzjoni li tat din il-Qorti għad-dispożizzjonijiet ta' dak l-artikolu, u għalhekk għandha tiġi revokata. Is-soċjetà appellanta qalet li filwaqt li din il-Qorti tal-Appell qablet mal-pożizzjoni tagħha dwar il-possibilità li persuna li mhixjiex il-prinċipal tinstab ħatja ta' ksur taħt l-artikolu 30(1) tal-Kap. 452, it-Tribunal deherlu li kellu jagħti interpretazzjoni differenti u konfliġġenti għal kollox minn dik tal-Qorti. Is-soċjetà appellanta spjegat li l-artikolu 30(1) tal-Kap. 452 huwa ċar fis-sens li l-ilment jista' jsir kontra persuni oħrajn li mhumiex il-prinċipal, u li kien abbażi ta' din l-interpretazzjoni li l-Qorti ordnat li l-atti jintbagħtu lura quddiem it-Tribunal sabiex dan jiddeċiedi dwar ir-responsabbilità tal-*union* anki fir-rigward tal-ħlas tal-kumpens likwidat favur l-appellati. Qalet ukoll li l-Qorti tal-Appell ma kinitx qiegħda tippretendi u lanqas ma kienet meħtieġa, interpretazzjoni ġdida għall-artikolu 30 tal-Kap. 452 li għażel li jagħti t-Tribunal u li permezz tagħha wasal għal interpretazzjoni kunfliġġenti ma' dik tal-Qorti tal-Appell li bagħtet l-atti lura għandu. Is-soċjetà appellanta qalet li mhux talli t-Tribunal ħass il-ħtieġa li jerġa' jinterpreta l-artikolu 30(4) tal-Kap. 452 fejn qal li s-soċjetà appellanta hija unikament responsabbli għall-ħlas tal-kumpens, talli din l-interpretazzjoni wasslitu għad-deċiżjoni li t-Tribunal m'għandux s-setgħat mogħtija mill-Kap. 452 li jiddeċiedi dwar din 'il-lanjanza li tqajmet mill-Qorti tal-Appell', u ddikjara għalhekk li t-Tribunal mhux il-forum adattat sabiex jisma' u jiddeċiedi din il-pendenza.

18. Is-soċjetà appellanta qalet li għaliha mhux ċar lanqas x'irid ifisser it-Tribunal meta jirreferi għal 'lanjanza li tqajmet mill-Qorti tal-Appell', għaliex jekk xejn il-lanjanzi tqajmu mill-partijiet u t-Tribunal kien inkarigat biss sabiex jiddeċiedi dwar il-porzjon ta' responsabbilità attribwita bejn l-UCC appellata u s-soċjetà appellanta, wara li l-Qorti tal-Appell tat direzzjoni ċara dwar kif għandha tiġi indirizzata din il-kwistjoni, iżda t-Tribunal injora għal kollox l-inkarigu mogħti lilu flimkien mad-direzzjoni tal-Qorti tal-Appell, u ra kif għamel biex fis-sustanza jerġa' jasal għal dak li kien iddeċieda oriġinarjament. Qalet li issa t-Tribunal mar pass oltre minn fejn mar fl-ewwel deċiżjoni, u għażel li jagħti interpretazzjoni tal-artikolu 75(2) tal-Kap. 452 biex isaħħaħ il-konklużjoni li s-soċjetà appellanta għandha tkun unikament responsabbli. Is-soċjetà appellanta qalet li l-interpretazzjoni mogħtija mit-Tribunal hija manifestement żbaljata, u tistrieħ fuq interpretazzjoni mhux korretta, li mhux biss tmur kontra dak deċiż minn din il-Qorti tal-Appell, iżda twassal lit-Tribunal għall-konklużjoni fallaċi li huwa m'għandux kompetenza jiddetermina r-responsabbilità tal-appellata UCC fil-kwistjoni odjerna. Qalet li donnu t-Tribunal għamel minn kollox biex ma japplikax id-dispożizzjonijiet tal-Kap. 452 b'mod li jista' jinstab li hemm responsabbilità li trid tinġarr mill-appellata UCC u saħansitra qal li hu m'għandux kompetenza biex jiddetermina din il-materja. Qalet li ladarba t-Tribunal iddeċieda dwar ir-responsabbilità tal-UCC b'mod li jmur kontra l-Kap. 452, għandha tkun din il-Qorti tal-Appell li tiddetermina hi l-proporzjon ta' responsabbilità li għandha tintrefa' mill-appellata UCC.

19. Is-soċjetà appellanta indirizzat ukoll kwistjonijiet oħra li rrimarka dwarhom it-Tribunal, iżda li ma jaqgħux fil-limiti tal-appell, fosthom l-

osservazzjonijiet tat-Tribunal li donnha hi m'għamlitx id-difiża tagħha kif imiss, jew li hija naqset milli tikkunsidra xi elementi suġġetti ta' dawn il-proċeduri. Qalet li donnu t-Tribunal kien deċiż li jasal għal konklużjoni fejn ir-responsabbilità kollha tintrefa' minnha, u għalhekk ra kif għamel biex apparti li għamel diversi inferenzi skorretti, applika l-liġi b'mod skorrett sabiex jasal fejn xtaq.

20. L-UCC appellata wieġbet li r-rikors tal-appell mhuwiex ibbażat fuq punt ta' liġi, iżda fuq pronunzjament dwar il-fatti, jiġifieri fuq id-dikjarazzjoni li tafferma r-responsabbilità tal-UCC appellata u d-determinazzjoni tal-*quantum* tal-kumpens li għandha tikkontribwixxi għalih il-UCC wara li s-soċjetà appellanta għal darbtejn ma rnexxiliex tikseb dan quddiem it-Tribunal. L-appellata qalet li s-soċjetà appellanta, bit-talbiet tagħha qiegħda titlob li ssir esplorazzjoni mill-ġdid tal-fatti tal-każ sabiex tagħti deċiżjoni fir-rigward tar-responsabbiltà tal-UCC u dan bl-unika tama li s-soċjetà appellanta tiġbed fil-ħtija magħha lill-UCC appellata. Qalet li appelli minn deċiżjonijiet tat-Tribunal huma limitati għal punt ta' liġi li jkunu ġew deċiżi mill-istess Tribunal, kif jipprovdi l-artikolu 82(3) tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan l-artikolu jagħmilha ċara li appell minn deċiżjoni tat-Tribunal jista' jsir biss fuq punt ta' dritt, u għalhekk kwalunkwe stħarriġ relatat mal-fatti tal-każ, ma jistax isir minn din il-Qorti ta' reviżjoni. Qalet li l-punt ta' liġi li sawwar din il-kwistjoni ta' xogħol, kien jekk hi bħala *trade union* tistax tinstab ħatja li kkommettiet diskriminazzjoni fuq il-post tax-xogħol mal-impjegati li fil-verità huma membri tagħha. L-appellata qalet li dan il-punt kien diġà ġie deċiż minn din il-Qorti bis-sentenza tagħha tat-3 ta' Mejju, 2024, u kien wara dak il-pronunċjament li t-Tribunal Industrijali ta deċiżjoni ulterjuri tiegħu li wasslet għall-appell odjern.

21. L-appellata UCC qalet li fid-dawl tal-punt ta' liġi li kien ġie deċiż, it-Tribunal bil-konsapevolezza tad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell, għal darb'oħra reġa' ma sabx lill-UCC appellata ħatja ta' diskriminazzjoni fil-konfront tal-membri tagħha, u din id-dikjarazzjoni hija waħda purament fattwali. Qalet li huwa għalhekk li dan l-appell m'għandux jitqies minn din il-Qorti, tenut kont li kienet diġà ngħatat dikjarazzjoni fuq punt ta' liġi minn din il-Qorti fis-sentenza tat-3 ta' Mejju, 2024, u għalhekk dan l-appell mhux imsejjes fuq punt ta' liġi, iżda huwa wieħed purament fattwali ibbażat fuq jekk l-UCC appellata għandhiex tinstab responsabbli jew le.

22. L-appellata qalet li l-apprezzament tal-provi li sar mit-Tribunal kien korrett u m'għandux għalfejn jiġi disturbat, u kien hemm proċedura applikabbli sabiex ftehim kollettiv jiġi ffirmat mill-*union* f'isem il-membri tagħha. Qalet li l-Ftehim kollettiv in kwistjoni kien suġġett ta' votazzjoni, u kien ġie approvat mill-maġġoranza tal-membri tagħha. Qalet ukoll li bħala *union* hija kellha mandat mingħand il-membri tagħha, ħaddiema tas-soċjetà appellanta, sabiex tiffirma l-Ftehim Kollettiv in kwistjoni, u li kieku hija naqset milli tagħmel dan, hija kienet tkun qiegħda tonqos mir-responsabbilità tagħha u tmur kontra x-xewqa tal-membri tagħha u l-mandat li ngħatalha minnhom. Qalet li hi għalhekk ma kellha ebda għażla għajr li tiffirma l-Ftehim Kollettiv, li kien anki ntbagħat fid-dar ta' kull membru tagħha, sabiex kull membru jkollu żmien jevalwah, u saru anki numru ta' laqgħat mal-impjegati membri sabiex jiġu ċċarati l-kwistjonijiet kollha li kienu jeħtieġu kjarifika, u jiġu mwieġba d-domandi tal-impjegati qabel ittieħed vot dwarhom. L-appellata spjegat li l-mekkaniżmu li qiegħed jiġi attakkat b'dawn il-proċeduri, kellu japplika għall-membri kollha tagħha mingħajr diskriminazzjoni jew riżerva.

23. L-appellata UCC qalet li bħala *union* hija ma tista' qatt tinstab ħatja ta' diskriminazzjoni mal-impjegati tal-prinċipal, tenut kont tal-fatt li *trade union* mhijiex il-prinċipal tal-ħaddiema, iżda hija l-vuċi tagħhom fuq il-mejda tan-negozjati, liema vuċi tawhielha l-impjegati membri tagħha stess. Qalet li l-leġislatur dejjem ried li azzjoni *ai termini* l-artikolu 30 tal-Kap. 452 tkun diretta biss lejn min iħaddem, u l-impjegat, li min-natura tiegħu qiegħed f'pożizzjoni dgħajfa fil-konfront ta' min iħaddmu, ikun protett u salvagwardjat minn min għandu l-poter f'idejh. Qalet li *trade union* għandha dejjem taħdem biex tħares l-interessi tal-membri tagħha bi sħiħ, u qatt ma ġiet allegata jew ippruvata xi forma ta' *mala fede* fil-konfront tagħha. Qalet ukoll li wieħed ma jista' qatt jasal biex jaddebita kolpa lilha, u hija dejjem kienet u għadha mmexxija mill-membri tagħha li jiġu eletti fuq kumitat tat-tmexxija. Qalet li jista' jingħad li l-membri tagħha qatt ma kkommettew diskriminazzjoni fuqhom infushom.

24. Ir-rikorrenti appellati wieġbu li s-soċjetà appellanta qiegħda tkun ferm skorretta fil-konfront tat-Tribunal, għaliex dan eżamina l-atti kollha, u mexa mad-direzzjoni mogħtija lilu mill-Qorti tal-Appell. Qalu li wara li għamel dan, it-Tribunal eżerċita d-diskrezzjoni ġudizzjarja tiegħu fil-qadi tal-funzjonijiet tiegħu, u ddeċieda l-bqija tal-mertu abbażi tal-konsiderazzjonijiet tiegħu kontenuti fl-istess deċiżjoni appellata, u abbażi tal-liġi li tirregolah. L-appellati rikorrenti qalu li t-Tribunal fil-każ odjern iddetermina li l-kompetenza tiegħu fir-rigward tal-artikolu 30 tal-Kap. 452, hija limitata bl-imsemmi Att għall-eżami ta' kwistjonijiet naxxenti bejn l-impjegat u min iħaddmu. Qalu li t-Tribunal jgħid ukoll li dan ma jfissirx li terzi ma jistgħux huma wkoll ikunu responsabbli fil-konfront tal-impjegat għal dak li jseħħ, iżda sostna li kwistjonijiet li jirrigwardaw tali terz iridu

jiġu ventilati quddiem il-forum opportun, li mhuwiex it-Tribunal Industrijali. Qalu wkoll li kienet il-Qorti tal-Appell innifisha li ddeċidiet li kull azzjoni kontra l-prinċipal hija mingħajr preġudizzju għal kull azzjoni oħra, inkluż fil-konfront ta' terzi. L-appellati saħqu li filwaqt li kien obbligu tat-Tribunal li jiddetermina din il-kwistjoni kif intalab jagħmel mill-Qorti tal-Appell, daqstant ieħor kien obbligu tiegħu li jiddetermina, fl-ewwel lok, jekk din il-kwistjoni taqax taħt il-kompetenza legali tiegħu jew le. Qalu li dan ma jfissirx li t-Tribunal mar kontra d-deċiżjoni tal-Qorti. L-appellati rikorrenti saħqu li skont l-artikolu 30 tal-Kap. 452, il-kompetenza tat-Tribunal hija limitata mil-liġi li tirregolah, għall-kwistjoni ta' responsabbilità tal-prinċipal, filwaqt li jista' jkun li impjegat ikollu dritt ulterjuri fil-konfront ta' terzi abbażi tal-Kodiċi Ċivili. L-appellati qalu li t-Tribunal iddetermina li skont l-artikolu 30 tal-Kap. 452, ir-rwol tiegħu huwa limitat għar-relazzjoni bejn prinċipal u impjegat, fejn huwa il-prinċipal li joħroġ il-pagi u huwa responsabbli għalihom. Qalu li terzi persuni jistgħu iwieġbu wkoll għal tali leżjonijiet, iżda din ir-responsabbilità tkun waħda prettament ċivili u eskluża mir-rabta u r-rapport kuntrattwali bejn prinċipal u impjegat.

25. L-appellati qalu li safejn l-appell ikun qiegħed jipprova jattakka fatti li ġew determinati konklussivament fis-sentenza appellata, l-appell ma jkunx jista' jreġi, u jiġi reż null. Qalu wkoll li l-fatti esposti mis-soċjetà appellanta fir-rikors tal-appell tagħha mhumiex fatti li jirriżultaw mill-provi mressqa quddiem din il-Qorti, u t-Tribunal kien ġust meta qies li s-soċjetà appellanta ma tistax tinħeles mir-responsabbilità kuntrattwali tagħha fil-konfront tal-impjegati tagħha, billi sempliċiment tallega li idejha kienu marbutin minn xi azzjonist jew minn xi terz ieħor. L-appellati qalu li huwa l-azzjonist, u ċjoé il-Gvern ta' Malta, li jidderieġi lill-istess soċjetà permezz tal-mekkaniżmi regolati bl-Att dwar il-Kumpanniji.

Qalu wkoll li l-ebda kumpannija ma tista' taħrab mir-responsabbiltajiet tagħha billi tallega li deċiżjoni meħuda u sottoskritta minnha kienet riżultat ta' ftehim antecedenti milħuq mill-azzjonisti tagħha. L-appellati qalu li fil-każ odjern ma nġabitx prova li s-soċjetà appellanta b'xi mod irreżistiet il-ftehim propost, u s-soċjetà appellanta bħala prinċipal iffirma l-ftehim propost minn rajh u b'hekk irrenda applikabbli u enforzabbli l-metodu tal-kalkolu tal-pagi fil-konfront tal-impjegati. L-appellati qalu li wara dan l-iffirmar, ma jirriżulta li kien hemm ebda tentattiv min-naħa tas-soċjetà appellanta sabiex tirrettifika d-diskriminazzjoni li nħolqot bħala konsegwenza tal-Ftehim Kollettiv iffirmat minnha, meta hija kellha l-obbligu li timxi mal-prinċipju ta' *equal pay for equal work* mal-impjegati tagħha. L-appellati qalu li s-soċjetà appellanta m'għamlet xejn sabiex tirrettifika l-anomalija li nħolqot meta xahar wara xahar l-appellati bdew jiġu ddiskriminati fil-pagi li bdew jirċievu. Żiedu jgħidu li ma kinitx l-UCC li kkalkulat il-pagi jew ħarġithom għall-impjegati, u r-relazzjoni tagħhom mal-UCC ġejja mir-rappreżentanza industrijali tagħha, u mhux mir-relazzjoni tal-impjieg li jeħtieġ li tiġi assigurata favur l-impjegati kollha. L-appellati saħqu li n-nexus kawżali tad-danni sofferti skont l-artikolu 30 tal-Kap. 452 u likwidat favur tagħhom, ġej mill-ksur tal-prinċipal tal-obbligi tiegħu fil-konfront tagħhom, u għalhekk huwa l-prinċipal li għandu jwieġeb għall-ksur tal-obbligi tiegħu. L-appellati qalu li s-soċjetà appellanta imkien ma argumentat li f'każ li tassew hemm xi leżjoni ta' dritt, dan għandu jwieġeb għalih ħaddieħor, ċjoé l-UCC, anzi fir-risposta tagħha qalet li l-Ftehim Kollettiv negozjat minnha u l-pagi maħruġin minnha għandhom jiġu difiżi.

26. Ir-rikorrenti/appellati qalu wkoll li s-soċjetà appellanta m'għamlet l-ebda sottomissjoni, u ma ressqet l-ebda prova dwar il-proporzjon tar-responsabbilità

għad-danni, li skont huma għandha tinġarr mill-UCC. L-appellati/rikorrenti qalu wkoll li l-UCC ma ressqet ebda difiża rigward l-immunità legali tagħha, u l-Kodiċi Ċivili stess jistipula li fil-każ ta' delitt jew kważi-delitti, kull parti għandha twieġeb għan-nuqqasijiet tagħha. Qalu li dan huwa każ fejn il-ħsara ma tistax titqies li saret b'neliġenza, imma permezz tal-att volontarju tal-prinċipal u l-UCC li ffirmaw il-Ftehim Kollettiv. Qalu li għalhekk tali ħsara hija waħda doluża, u jekk trid tinstab xi forma ta' responsabbilità min-naħa tal-UCC ukoll, l-UCC għandha titqies li hija responsabbli *in solidum* flimkien magħhom. Ir-rikorrenti/appellati qalu li fil-każ odjern, ir-responsabbilità tutelata bl-artikolu 30 tal-Kap. 452, hija waħda naxxenti minn rapport kuntrattwali ta' impjieg bejn il-prinċipal u l-impjegat, u għalhekk kien ġust it-Tribunal meta qies li r-responsabbilità għandha tiġi determinata u aċċertata skont prinċipji tal-liġi ċivili li jeżorbitaw ir-responsabbiltajiet kuntrattwali vinkolanti li kellu l-prinċipal fil-konfront tagħhom, u kwindi li jeżorbitaw għal kollox il-jedd ta' azzjoni taħt l-artikolu 30 tal-Kap. 452.

27. Il-Qorti tosserva li dan l-appell huwa limitat għall-kwistjoni dwar jekk l-*union* in kwistjoni għandhiex iġġorr xi forma ta' responsabbilità għad-danni sofferti mill-impjegati li istitwew il-proċeduri odjerni. It-Tribunal iddeċieda li huwa mhuwiex il-*forum* kompetenti biex jisma' dwar l-kwistjoni tar-responsabbilità li għandha ġġorr l-appellata UCC għall-akkadut, u filwaqt li qal li jista' jkun hemm dritt ta' azzjoni kontra l-UCC quddiem *forum* ieħor, it-Tribunal Industrijali mhux il-forum kompetenti biex jiddeċiedi dwar dan, għaliex l-artikolu 30(1) tal-Kap. 452 jagħmilha ċara li l-kompetenza tat-Tribunal hija limitata biss għal kwistjonijiet li jolqtu r-relazzjoni bejn il-prinċipal u l-impjegat, u l-UCC hija l-*union* rappreżentanta tal-ħaddiema, li ċertament ma tistax titqies

li hija l-prinċipal f'din ir-relazzjoni. Lil hinn minn din il-konsiderazzjoni, fid-deċiżjoni tiegħu t-Tribunal osserva li s-soċjetà appellanta bħala l-prinċipal kellha tintebaħ bid-diskrepanzi li kienu qegħdin jinħolqu fil-ħlasijiet tas-salarji lill-impjegati tagħha, hekk kif deher mill-bidunett li kienet teżisti diskriminazzjoni bejn l-impjegati. It-Tribunal qies wkoll li s-soċjetà appellanta kienet kumpannija li għandha esperjenza vasta fin-negozjar tas-salarji tal-impjegati tagħha. Minn din il-parti tad-deċiżjoni appellata, jidher ċar għalhekk li t-Tribunal wara li qal li huwa mhuwiex il-*forum* kompetenti biex jagħti deċiżjoni dwar jekk l-UCC appellata għandhiex tinżamm responsabbli b'xi mod għal xi forma ta' diskriminazzjoni, implika li s-soċjetà appellanta għandha ġġorr waħedha ir-responsabbilità għad-danni mġarrba mill-appellati, wara li kien hemm diġà tnaqqis minimu ta' 20% rappreżentanti n-negliġenza kontributorja ta' uħud mir-rikorrenti li kienu wkoll rappreżentanti tal-ħaddiema fl-istess *union.*

28. Il-Qorti sejra hawnhekk tislet mis-sentenza tagħha tat-3 ta' Mejju, 2024, li b'konsegwenza tagħha l-atti ntbagħtu lura quddiem it-Tribunal Industrijali sabiex dan jagħti deċiżjoni ċara dwar ir-responsabbilità *o meno* tal-UCC appellata. Dwar il-kompetenza tat-Tribunal f'dan ir-rigward, din il-Qorti ddeċidiet illi:

> *"Il-Qorti tikkondividi pjenament il-ħsieb tas-soċjetà intimata. Tikkunsidra li d-dispożizzjonijiet appena msemmija, jiġifieri dawk tas-subartikolu 30(4) u tas-subartikolu 30(1) tal-Kap. 452, b'mod inekwivoku jikkontemplaw li azzjoni fejn tiġi allegata diskriminazzjoni abbażi tal-kundizzjonijiet tax-xogħol, tista' ssir mill-impjegat anki kontra persuna li mhijiex il-prinċipal. Is-subartikolu 30(1) tal-Kap. 452 mill-ewwel jikkontempla sitwazzjoni fejn il-ksur ikun seħħ min-naħa tal-prinċipal, jiġifieri permezz tal-aġir tiegħu, iżda anki jikkunsidra li jistgħu jkunu l-kundizzjonijiet tax-xogħol stess li jagħtu lok għal ksur tad-dispożizzjonijiet tal-artikoli 26, 27, 29 tal-istess liġi, fejn mhux biss il-prinċipal ikun responsabbli li impona l-imsemmija kundizzjonijiet fuq l-*

*impjegat tiegħu. Is-subartikolu 30(4) tal-Kap. 452 imbagħad jipprovdi li kull azzjoni li ssir kontra l-prinċipal, tkun mingħajr preġudizzju għal kull azzjoni oħra li tista' ssir taħt liġi oħra. B'hekk ma jista' jkun hemm ebda dubju dwar id-drittijiet tal-impjegat anki fil-konfront ta' terzi. Dan filwaqt ukoll li m'hemmx għalfejn jingħad li l-azzjoni tista' imbagħad tirnexxi biss sakemm issir prova konvinċenti tar-responsabbilità ta' dik il-persuna."*

29. Għaldaqstant m'għandu jkun hemm l-ebda dubju li b'sentenza ta' din il-Qorti, ġie ddikjarat li t-Tribunal għandu l-kompetenza li jiddelibera dwar il-kwistjoni tar-responsabbilità *o meno* tal-appellata UCC għall-akkadut. Il-Qorti fehmet, u qiegħda tgħid dan sabiex din il-vertenza tiġi deċiża darba għal dejjem, li t-Tribunal ippronunzja ruħhu fis-sens li r-responsabbilità għad-danni sofferti mill-appellati għandha tinġarr kollha kemm hi mis-soċjetà appellanta, u dan għaliex kellu jkun evidenti għaliha li kien hemm diskriminazzjoni fis-salarji li kienu qegħdin jitħallsu lill-impjegati tagħha, tenut kont tal-esperjenza vasta li din għandha fin-negozjar ta' ftehim simili. Huwa u jgħid dan, it-Tribunal ma attribwixxa l-ebda responsabbiltà lill-appellata UCC għad-diskriminazzjoni lamentata, avolja ma qalx dan espliċitament. Il-Qorti tqis illi jkun telf ta' żmien għall-partijiet involuti f'dawn il-proċeduri li l-Qorti tordna li l-atti għandhom jintbagħtu lura quddiem it-Tribunal għal deċiżjoni dwar ir-responsabbilità tal-UCC, ladarba t-Tribunal diġà għamel ċara il-fehma tiegħu dwar dan il-punt, u ladarba din il-Qorti diġà ddeċidiet li dwar dan il-punt m'hemm lok għal ebda appell, għaliex dan jittratta kwistjoni ta' fatt u mhux ta' dritt.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi dwar dan l-appell billi:**

**1) Tiddikjara li t-Tribunal għandu l-kompetenza meħtieġa sabiex jiddeċiedi dwar ir-responsabbiltà *o meno* tal-appellata UCC għad-diskriminazzjoni lamentata mir-rikorrenti/appellati;**

**2) Tilqa' limitatament dan l-appell billi tħassar u tirrevoka dik il-parti tad-deċiżjoni appellata fejn ingħad illi t-Tribunal ma għandu l-ebda poteri mogħtija lilu mill-Kap. 452 li jiddeċiedi dwar ir-responsabbiltà *o meno* tal-appellata UCC għad-diskriminazzjoni lamentata mir-rikorrenti/appellati;**

**3) In kwantu għal dik il-parti tad-deċiżjoni appellata fejn ingħad mit-Tribunal bla ebda riżerva li s-soċjetà appellanta għandha tinżamm unikament responsabbli għall-ħlas tal-kumpens dovut lir-rikorrenti/appellati, tqis illi l-konsiderazzjonijiet li għamel it-Tribunal f'dan ir-rigward huma kwistjonijiet ta' fatt, li din il-Qorti hija prekluża milli tidħol fihom, u għalhekk tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' din il-parti tal-aggravju.**

**L-ispejjeż għandhom jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Christian Sammut**
**Deputat Reġistratur**